KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.6.2011
KUMM(2011) 320 finali

# ANNESS

## Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta emendata

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta emendata għal**

**DIRETTIVA TAL-PARALMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistipula standards għall-akkoljenza tal-applikanti għal asil**

(Riformulazzjoni)

**L-ispjegazzjoni dettaljata tal-proposta emendata tal-Kummissjoni qed tiġi ppreżentata b'paragun mal-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 li temenda d-Direttiva 2003/9/KE.**

**Artikolu 2**

(a) Qed issir referenza speċifika għall-"Artikolu 2(h)" tad-Direttiva ta' Kwalifika fid-definizzjoni ta' "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali".

(b) qed jiżdied it-terminu "applikant għall-protezzjoni internazzjonali" peress li dan it-terminu huwa użat fit-test tad-Direttiva.

(c) - Għal raġunijiet ta' ċarezza, id-definizzjoni ta' membri tal-familja hija maqsuma f'żewġ partijiet, jiġifieri i) meta l-applikant ikun persuna adulta u ii) meta l-applikant ikun minorenni.

- B'kunsiderazzjoni tal-pożizzjoni tal-PE u tat-tħassib muri minn għadd ta' Stati Membri, qed tiżdied kundizzjoni ulterjuri fid-definizzjoni ta' membri tal-familja f'dak li jirrigwarda l-minorenni miżżewġa, prinċipalment l-inklużjoni tagħhom *biss jekk ma jkunux akkumpanjati mill-konjuġi tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat* u dan fl-aħjar interess tagħhom [u mhux biss jekk ikun fl-aħjar interess tagħhom].

(g) id-definizzjoni ta' "proċeduri u appelli" qed titħassar, peress li m'għadx hemm użu għaliha [l-appelli u l-proċeduri huma ddefiniti mil-liġi tal-UE u mhux mil-liġi nazzjonali, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor fid-Direttiva]

(e) Għal raġunijiet ta' ċarezza, fid-definizzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjat, ir-referenza għal "użanzi" qed tiġi ssostitwita b'"il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat".

(j), (k) Qed jiddaħħlu żewġ definizzjonijiet ġodda, prinċipalment huma, rispettivament, id-definizzjoni ta' "rappreżentant" u "applikanti bi ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza".

**Artikolu 3**

L-ambitu tad-Direttiva jirreferi għall-"ibħra territorjali" sabiex jiġi żgurat li jkun hemm koerenza mal-Artikolu 3 tal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Asil.

**Artikolu 5**

Fuq talba tal-Paralment Ewropew ir-referenza għall-kliem "fejn ikun possibbli" qed titneħħa.

Il-kliem "awtorità kompetenti" qed jitneħħew b'konformità mal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Asil.

Qed issir dispożizzjoni biex l-informazzjoni tingħata "b'lingwa li l-applikant jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li għandu jifhem", b'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament [minflok "b'lingwa li l-applikant huwa mistenni jifhem"]

**Artikolu 6**

Bil-għan li tiġi ssimplifikata d-dispożizzjoni, qed titħassar ir-referenza għal "id-dententur tad-dokument għandu jingħata aċċess għal drittijiet u benefiċċji mogħtija lil applikanti għal asil skont din id-Direttiva" li kienet inkluża fil-proposta tal-2008.

Qed jiġi inkluż il-paragrafu 6 ġdid bil-għan li jiġi żgurat li l-applikanti mhux se jiffaċċjaw ostakli mhux ġustifikati minħabba raġunijiet ta' dokumentazzjoni jew ta' amministrazzjoni qabel ikollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom mogħtija b'din id-Direttiva.

**Artikolu 7**

Ma sarx tibdil.

**Artikolu 8**

Il-prinċipji ġenerali ta' dan l-Artikolu nżammu. Saru xi aġġustamenti ta' lingwa skont id-diskussjonijiet fil-Kunsill u skont il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. B'mod partikolari:

- tħassret ir-referenza għal "lok partikolari" peress li tqis li mhix meħtieġa [diġà tinsab inkluża fid-definizzjoni ta' detenzjoni fl-Artikollu 2(h)];

- ġiet miżjuda l-kelma "alternattiva" biex ikun hemm kjarifika tar-rabta mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

- saret kjarifika tal-kliem stipulat fil-motivazzjoni (b). Prinċipalment tirreferi għall-prattiki li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jagħmlu intervista ta' "eżaminazzjoni/preliminari" sabiex jiġi identifikat il-bażi ta' talba għall-Asil (jiġifieri l-fatti essenzjali li jagħtu lok għat-talba għall-Asil) li ma setgħax jinkiseb mingħajr detenzjoni;

- skont id-diskussjonijiet fil-Kunsill, ġie kkjarifikat li d-detenzjoni fil-proċeduri kriminali mhix parti mill-ambitu ta' din id-Direttiva;

- għal raġunijiet ta' ċarezza, il-frażi "skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali" qed tiġi ssostitwita minn "dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali";

- "lok indikat" qed jiġi sostitwit b'"lok assenjat" biex ma tinħoloqx konfużjoni mad-definizzjoni ta' detenzjoni fl-Artikolu 2(h).

**Artikolu 9**

Il-proposta modifikata tiċċara xi regoli ta' proċedura u garanziji dwar id-detenzjoni u tippermetti li jkun hemm iktar libertà fl-implimentazzjoni tagħhom. B'mod partikolari:

- il-paragrafu 1 ġie ssimplifikat, billi tqieset id-dispożizzjoni rilevanti fid-Direttiva dwar ir-Ritorn u tqieset il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. B'mod partikolari, il-paragrafu issa jirreferi għall-prinċipju ta' "diliġenza xierqa".

- billi jqis is-sistemi legali differenti tal-Istati Membri, il-paragrafu 2 jipprovdi wkoll li d-detenzjoni tista' tiġi ordnata anki minn awtoritajiet amministrattivi (mhux biss minn dawk ġudizzjarji). L-iskadenza ta' 72 siegħa nżammet sabiex ikun żgurat li jkun hemm aċċess awtomatiku għal awtorità ġudizzjarja. Skont il-konsultazzjonijiet li saru, jidher li dan huwa konformi mal-prattiki attwali ta' xi Stati Membri.

- għal raġunijiet ta' ċarezza l-paragrafi 3 u 4 ingħaqdu f'paragrafu numru 3. Barra minn hekk, tneħħa l-obbligu li l-applikant jiġi nnotifikat waqt id-detenzjoni tiegħu/tagħha, u dan billi tqiesu s-sistemi legali diverġenti tal-Istati Membri f'dan ir-rigward.

- il-kunċett ta' reviżjoni regolari tad-detenzjoni minn awtorità ġudizzjarja qed jiġi stabbilit aħjar. id-dispożizzjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-każijiet ta' detenzjoni fit-tul, fis-sens ta' perjodu ta' żmien twil, jew meta jkun hemm ċirkostanzi jew informazzjoni ġdida li tkun tista' taffettwa l-legalità tad-detenzjoni.

- tħassru l-kliem "id-detenzjoni m'għandhiex tittawwal bla bżonn" peress li tqies li mhumiex meħtieġa (fid-dawl tal-Artikolu 9(1)).

- l-ambitu tal-aċċess għall-għajnuna legali bla ħlas ġie stabbilit aħjar, skont il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u d-diskussjonijiet tal-Kunsill, anki permezz ta' koerenza mal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil. B'mod partikolari jikkonċerna każijiet ta' appell jew reviżjoni ta' ordni ta' detenzjoni u biss meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi assigurat aċċess effettiv għall-ġustizzja; Ikopri biss it-tħejjija ta' dokumenti u r-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji u jista' jkun ristrett għal avukati indikati mill-Istat Membru kkonċernat.

**Artikolu 10**

- Il-paragrafu 3 qed jiġi emendat għal raġunijiet ta' ċarezza. L-istess japplika għall-paragrafu 3, billi jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm koerenza mal-Artikolu 18(2)(b) u (c) tal-proposta modifikata li tagħmel referenza għat-tipi ta' akkomodazzjoni.

- Il-paragrafu 2 jintroduċi l-obbligu li jiġi żgurat aċċess għal spazji miftuħa skont l-iktar każistika reċenti tal-QEDB.

- Il-paragrafu 5 qed jiġi rranġat skont id-dispożizzjoni rilevanti fid-Direttiva dwar ir-Ritorn. Barra minn hekk qed jiġi ddikjarat li l-informazzjoni għandha tingħata "b'lingwa li l-applikant jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li għandu jifhem", skont is-suġġeriment tal-Parlament [minflok "b'lingwa li l-applikant huwa mistenni jifhem"].

- Skont id-diskussjonijiet fil-Kunsill u biex ikun hemm iktar flessibilità fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-paragrafu 6 jippermetti lill-Istati Membri li jidderogaw temporanjament minn xi standards ta' akkoljenza waqt id-detenzjoni. B'mod partikolari, meta temporanjament ma jkunx hemm wisa' f'faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati, l-applikanti jistgħu jinżammu f'ħabsijiet sakemm jinżammu separati mill-kriminali. Madankollu, din id-deroga m'għandhiex tapplika għal minorenni mhux akkumpanjati imma miżmuma, li dejjem għandhom jitpoġġew f'faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati.

L-Istati Membri jistgħu jidderogaw ukoll mill-obbligu li jagħtu informazzjoni lill-applikanti għas asil dwar ir-regoli tal-faċilità ta' detenzjoni u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom f'dik il-faċilità meta l-applikant ikun qed jinżamm fuq il-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu; madankollu din id-deroga ma tistax tiġi applikata fi proċeduri li jinvolvu l-fruntieri, stipulati fl-Artikolu 43 tal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, meta l-Istati Membri għandhom ikunu mgħammra aħjar biex jipprovdu garanziji fil-postijiet rilevanti.

Barra minn hekk, dawn id-derogi m'għandhomx jiġu applikati awtomatikament, imma biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan ir-rigward dawn għandhom ikunu ġġustifikati kif xieraq u jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi ta' kull każ inkluż il-livell ta' severità tad-deroga applikata, il-perjodu u l-impatt tagħha fuq l-individwu kkonċernat.

**Artikolu 11**

- Il-paragrafi ta’ dan l-Artikolu ġew strutturati mill-ġdid għal raġunijiet ta’ ċarezza.

- Tħassret il-projbizzjoni sħiħa tad-detenzjoni ta’ minorenni mhux akkumpanjati. F’dan ir-rigward, mingħajr preġudizzjoni għall-Artikolu 8 ta’ din id-Direttiva, il-minorenni m'għandhomx jinżammu sakemm ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom. Madankollu, b’kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tal-minorenni mhux akkumpanjati, id-dispożizzjoni tistipula wkoll li għandhom jinżammu biss f’każijiet partikolarment eċċezzjonali.

Barra minn hekk ġie kkjarifikat b'mod espress li d-detenzjoni tal-minorenni għandha titwettaq biss bħala l-aħħar miżura, u wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-miżuri kollha alternattivi u jkun insab li huma ineffettivi. Il-minorenni għandhom jinżammu għal perjodu qasir kemm jista' jkun u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jiżguraw li jitpoġġew f’postijiet miftuħa adattati għall-minorenni.

- B’mod eċċezzjonali, l-applikanti nisa u rġiel jistgħu jitpoġġew fl-istess żona waqt attivitajiet rikreazzjonali u soċjali.

- Qabel ma persuna vulnerabbli tinżamm, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu li s-saħħa u l-benessri tiegħu jew tagħha ma jiddeterjorawx b’mod sostanzjali. Madankollu, l-obbligu tħassar l-obbligu li dan jiġi ċċertifikat minn "professjonist ikkwalifikat".

- Skont id-diskussjonijiet fil-Kunsill u b’kunsiderazzjoni li meta ssir detenzjoni f’postijiet fuq il-fruntiera jew f’żoni ta’ tranżitu jista' jkun diffiċli fil-prattika li jiġi żgurat aċċess għal ċerti garanziji ta' akkoljenza, il-paragrafu 5 jippermetti lill-Istati M‘mbri li japplikaw derogi temporanji fir-rigward tad-drittijiet stipulati fir-raba’ subparagrafu tal-paragrafu 2, fil-paragrafu 3 u fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4.

Madankollu dawn id-derogi ma jistgħux jiġu applikati fil-proċeduri li jinvolvu l-fruntieri, stipulati fl-Artikolu 43 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, meta l-Istati Membri għandhom ikunu armati aħjar biex jipprovdu garanziji fil-postijiet rilevanti. Barra minn hekk, dawn id-derogi m’għandhomx jiġu applikati awtomatikament, imma biss f’ċirkostanzi eċċezzjonali. F’dan ir-rigward dawn għandhom ikunu ġġustifikati kif xieraq u jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali, bħal-livell ta' severità tad-deroga applikata, il-perjodu u l-impatt tagħha fuq l-individwu kkonċernat.

**Artikolu 14**

- Qed terġa' tiġi introdotta l-kjarifika li l-aċċess għall-edukazzjoni jista’ jkun limitat biss għas-sistema edukattiva tal-istat, u dan skont id-diskussjonijiet fil-Kunsill.

- Bil-għan li jkun hemm koerenza mal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, qed jiġi kkjarifikat li l-applikazzjoni għall-Asil tista’ ssir f’isem persuna minorenni (minflok “mill-ġenituri tiegħu/tagħha” biex ikunu koperti metodi oħra inklużi fil-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil)

- Qed jiġu kkjarifikati iktar il-kliem tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

**Artikolu 15**

Il-proposta modifikata żżomm l-iskadenzi stabbiliti dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol. Prinċipalment, għandu jingħata aċċess f'perjodu massimu ta' 6 xhur wara li ssir l-

applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Madankollu din l-iskadenza tista' tiġi estiża għal perjodu massimu ieħor ta' 6 xhur fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 31(3) paragrafi (b) u (c) tal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil li tippermetti wkoll li ssir estenzjoni fl-eżaminazzjoni ta' talba għall-Asil. Dawn il-każijiet huma i) meta jkun hemm għadd kbir ta' talbiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali u ii) meta jkun jidher ċar li d-dewmien ikun riżultat ta' nuqqas min-naħa tal-applikant li jikkonforma ma' ċerti obbligi stipulati fl-Artikolu 13.

L-Artikolu jinnota wkoll li filwaqt jistgħu jiġu imposti kundizzjonijiet ta' aċċess għax-xogħol, fil-prattika dawn il-kundizzjonijiet mhumiex stretti biżżejjed biex jimpedixxu l-aċċess effettiv tal-applikanti għal asil għal impjieg.

**<u>Artikolu 17</u>**

Ir-referenza għal "persuni bi ħtiġijiet speċjali" ġiet sostitwita b' "persuni vulnerabbli" msemmija fl-Artikolu 21, wara li saru t-tibdiliet f'dak l-Artikolu.

B'kunsiderazzjoni tad-diskussjonijiet fil-Kunsill u l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, il-punt ta' riferiment fir-rigward tal-livell ta' appoġġ materjali xieraq qed jiġi ssimplifikat u jippermetti iktar flessibilità waqt l-implimentazzjoni tiegħu.

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi kkwantifikat is-sens tal-kunċett "livell ta' għajxien xieraq". B'mod partikolari, meta l-appoġġ materjali jingħata fi flus, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont li għandu jingħata billi fuq il-bażi tal-għajununa finanzjarja mogħtija lil ċittadini tagħhom meta din l-għajnuna tkun meħtieġa. In-negozjati żvelaw li dan huwa kompletament konformi mal-prattiki jew mal-liġi nazzjonali ta' għadd ta' stati Membri. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri li, fir-rigward tal-applikanti, japplikaw standards inqas favorevoli minn dawk offruti liċ-ċittadini, meta jkun hemm ġustifikazzjoni; pereżempju, meta tingħata għajnuna materjali li tiġi mnaqqsa mill-għajnuna finanzjarja jew meta l-livell ta' appoġġ ipprovdut liċ-ċittadini jmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jiġi żgurat li jkun hemm "livelli ta' għajxien li jiggarantixxu l-mezz ta' għajxien tagħhom u jipproteġu s-saħħa fiżika u mentali tagħhom" u għalhekk il-persuni li japplikaw għall-Asil jingħataw biss persentaġġ minn dan l-appoġġ nazzjonali.

**<u>Artikolu 18</u>**

Iddaħħlu tibdiliet żgħar biex ikun hemm kjarifika tar-rabtiet bejn din id-dispożizzjoni u r-regoli dwar id-detenzjoni (prinċipalment billi jiġi ddikjarat li d-dispożizzjoni ma tagħmilx ħsara lill-Artikoli 10 u 11 u billi jitħassar il-punt (c): "l-applikanti għal asil jinsab f'detenzjoni jew ristrett għal postijiet fuq il-fruntieri").

- Għal raġunijiet ta' konsistenza, il-paragrafu 7 ġie inkluż bħala punt (b) tal-paragrafu 2 biex il-garanziji kollha dwar l-akkomodazzjoni jkunu elenkati f'dispożizzjoni waħda.

- Il-paragrafu 2 ġie ssimplifikat: ġew irranġati l-kliem fil-punti (b) u (c) dwar id-dritt għall-komunikazzjoni mal-membri tal-familja, mal-avukati eċċ. jew li dawn jiddaħħlu fil-faċilitajiet ta' akkomondazzjoni, b'mod partikolari biex ikun żgurat li jkun hemm koerenza mal-paragrafu 7 preċedenti, li issa huwa l-punt (b).

- Għal raġunijiet ta' konsistenza, il-paragrafu 3 tpoġġa fl-Artikolu 23 li jittratta l-garanziji għall-minorenni

**Artikolu 19**

- Tneħħa l-obbligu li jingħata "aċċess għal kura tas-saħħa bl-istess mod li tingħata liċ-ċittadini" lill-persuni bi ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza, b'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u mad-diskussjonijiet fil-Kunsill.

- It-terminu "disturb mentali" qed jiġi sostitwit b' "disturb post-trawmatiku" għal raġunijiet ta' ċarezza.

**Artikolu 20**

Id-dispożizzjoni hija modifikata sostanzjalment u tippermetti lill-Istati Membri li jwaqqfu u/jew inaqqsu l-appoġġ materjali fil-każijiet kollha stabbiliti fid-Direttiva fis-seħħ, minbarra meta "l-applikant ikun naqas milli jagħmel applikazzjoni mill-iktar fis possibli" u b'kunsiderazzjoni tal-każistika attwali[1].

Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-paragrafu 2 tal-proposta tal-2008 se jsir l-Artikolu 1(d) biex l-Artikolu 1 jinkludi r-raġunijiet kollha għat-twaqqif/tnaqqis.

Il-paragrafu 3 jiċċara li t-tnaqqis tal-appoġġ materjali (li skont l-Artikolu 2(g) jikkonċerna l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-ilbies u l-għajnuna finanzjarja) ma jinkludix il-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, ir-referenza għal "persuni bi ħtiġijiet speċjali" ġiet issostitwita b' "persuni vulnerabbli" msemmija fl-Artikolu 21, wara li saru t-tibdiliet f'dak l-Artikolu.

**Artikolu 21**

Ir-rabta bejn il-kunċett ta' ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza u l-kunċett tal-vulnerabilità qed tiġi ċċarata iktar. b'mod partikolari, id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza jistgħu jikkonċernaw biss persuni vulnerabbli wara tkun saret valutazzjoni tas-sitwazzjoni individwali tagħhom b'konformità mal-Artikolu 22. Din il-modifika ġiet ukoll riflessa fit-titolu tal-Kapitolu IV. Din id-dispożizzjoni se tinqara wkoll flimkien mad-definizzjoni ta' persuni bi ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza fl-Artikolu 2(k).

Barra minn hekk, qed jiżdiedu wkoll il-"persuni b'mard fiżiku serju" mal-lista ta' persuni vulnerabbli. Dan huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "persuni bi ħtiġijiet speċjali ta' proċedura" stipulat fil-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil.

Għal raġunijiet ta' ċarezza, it-terminu "problemi ta' saħħa mentali" qed jiġi sostitwit b' mard mentali jew disturbi post-trawmatiċi.

Il-lista ta' persuni vulnerabbli tibqa' miftuħa, l-istess bħal fil-proposta tal-2008.

**L-Artikolu 22 ġdid**

Ir-referenza għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza iddaħħlet f'Artikolu ġdid separat. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni rilevanti ġiet modifikata sabiex l-implimentazzjoni tagħha tkun iktar faċli u issa tirreferi wkoll għat-twaqqif ta' "mekkaniżmi" minflok il-"proċedura stipulati mil-liġi nazzjonali". Għalhekk ġie kkjarifikat aħjar li l-identifikazzjoni ta'

---

[1] *R(Q) v Secretary of State for the Home Department* [2004] QB 36, ikkonfermata bl-opinjoni *tal-Lords of Appeal for the judgement fil-każ* Regina v Secretary of State for the Home Department [2005] UKHL 66

ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza ma tfissirx neċessarjament li jridu jsiru proċeduri amministrattivi ġodda jew separati, imma li dan jista' jiġi integrat fil-metodi nazzjonali eżistenti [jiġifieri l-eżami mediku], meta dan ikun meħtieġ b'rabta ma' aġġustamenti li jiżguraw li l-identifikazzjoni titwettaq fil-bidu tal-proċedura tal-Asil u li jkun hemm biżżejjed riżorsi li jippermettu li jiġu identifikati l-ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza b'konformità mad-definizzjoni tal-Artikolu 2(k). Sabiex l-implimentazzjoni tagħha tiġi ffaċilitata ulterjorment, id-dispożizzjoni tistipula li dawn il-mekkaniżmi ta' identifikazzjoni għandhom jitniedu fi "żmien raġjonevoli", minflok "immedjatament" wara li tkun saret l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Għaldaqstant, id-dispożizzjoni tistabilixxi l-ħtieġa li l-Istati Membri jidentifikaw jekk applikant jagħmilx parti mill-kategorija ta' gruppi vulnerabbli skont l-Artikolu 21, u jekk iva, jekk għandux ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza. In-natura ta' dawn il-ħtiġijiet għandha tiġi speċifikata sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-iktar intervent xieraq, jiġifieri dwar jekk ikunx meħtieġ trattament mediku jew sempliċement akkomodazzjoni etc.

Barra minn hekk, id-dispożizzjoni tistabbilixxi li ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza li jsiru evidenti wara l-eżaminazzjoni tal-bidu skont l-Artikolu 22 m'għandhomx jiġu injorati. Dan jista' jkun il-każ għal xi disturbi trawmatiċi li minħabba n-natura tagħhom jidhru biss fuq perjodu ta' żmien.

Fl-aħħar nett, id-dispożizzjoni tispeċifika li l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza ssir mingħajr preġudizzju tal-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex ikun iċċarat li jista' jkun li ħtiġijiet ta' akkoljenza bħal dawn ma jkiunux rilevanti għall-kundizzjonijiet meħtieġa biex jingħata l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva ta' Kwalifika.

**<u>L-Artikolu 23 [preċedentement l-Artikolu 22]</u>**

Qed jiżdied il-paragrafu 4 (preċedentement l-Artikolu 18(3)), biex il-metodi kollha marbuta mal-minorenni jkunu magħquda f'artikolu wieħed. Il-kelma "użanza" ġiet sostitwita bil-kliem "il-prattika nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati" biex ikun żgurat li jkun hemm koerenza mad-definizzjoni ta' minorenni akkumpanjati u ta' membri tal-familja fl-Artikoli 2(f) u (c) rispettivament.

**<u>L-Artikolu 24 [preċedentement l-Artikolu 23]</u>**

Il-paragrafu 1 qed jiġi modifikat biex tkun żgurata l-koerenza mal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil.

Qed jiżdied il-paragrafu 2 biex ikun hemm kjarifika dwar il-kwalifiki u r-rwol ta' rappreżentant ta' minorenni mhux akkumpanjati, b'konformità mad-diskussjonijiet fil-Kunsill u mal-proposta modifikata tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil.

Il-paragrafu 2 jfakkar ukoll li jrid jiġi żgurat il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal fil-każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li jpoġġu lill-minorenni ta' 16-il sena jew aktar f'ċentri ta' akkoljenza għal applikanti għal asil adulti. Il-paragrafu 3 ġie ssimplifikat: jagħmel referenza għal "mekkaniżmi" minflok "proċeduri fil-liġi nazzjonali" rigward ir-rintraċċar ta' minorenni mhux akkumpanjati. Madankollu, b'konformità mad-diskussjonijiet fil-Kunsill, id-dispożizzjoni tinkludi l-frażi: "meta meħtieġ bl-għajnuna ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew ta' organizzazzjonijiet oħra rilevanti".

**L-Artikolu 25 [preċedentement l-Artikolu 24]**

Aġġustament żgħir marbut mal-lingwa: qed jiżdiedu l-kliem "stupru jew atti vjolenti serji oħra" fil-paragrafu 2 biex ikun żgurat li jkun hemm konsistenza mal-paragrafu 1.

**L-Artikolu 26 [preċedentement l-Artikolu 25]**

Il-paragrafu 2 ġie mibdul biex jirrifletti l-kliem dwar l-aċċess għal għajnuna legali bla ħlas fl-Artikolu 9(5).

**L-Artikolu 27 [preċedentement l-Artikolu 26]**

**L-ebda tibdil**

**L-Artikolu 28 [preċedentement l-Artikolu 27]**

L-Artikolu 28 m'għadhux jirreferi għall-obbligu li jsir rapport kull sena. Minflok, jistabbilixi skadenza biex l-Istati Membri jressqu l-ewwel sett ta' informazzjoni, skont l-Annessi I ta' din il-proposta.

**L-Artikolu 29 [preċedentement l-Artikolu 28]**

L-ebda tibdil.

**L-Artikolu 30 [preċedentement l-Artikolu 29]**

Il-Kummissjon se tħejji rapport lill-Parlament u lill-Kunsill kull sentejn wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva.

**Anness I**

Dan il-mekkaniżmu ta' rappurtar qed jinżamm fid-Direttiva modifikata. Madankollu, b'konformità mad-diskussjonijiet fil-Kunsill u t-tħassib dwar l-obbligi amministrattivi, tnaqqas sostanzjalment il-livell ta' dettalji biex jiġu inklużi l-iktar dispożizzjonijiet ċentrali tad-Direttiva fejn fin-nuqqas ta' informazzjoni l-monitoraġġ ikun diffiċli. Saru modifiki anki fil-perjodi ta' żmien; wara l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 28(2), l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jressqu mill-ġdid l-informazzjoni meħtieġa biss meta jkun hemm bidla sostanzjali fil-liġi jew fil-prattiki nazzjonali u minħabba f'hekk l-informazzjoni pprovduta tkun skadiet.